



Brussell, 21 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13871/1/18
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0290(COD)

TRANS 503
CODEC 1882

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/ Kunsill
Nru dok. Cion:	14213/1/17 REV 1 TRANS 464 CODEC 1785 IA 176
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) – Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat il-proposta msemmija hawn fuq, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà "L-Ewropa Attiva", bħala waħda mill-inizjattivi tal-Kummissjoni marbutin mal-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Din il-proposta hija revizzjoni tad-Direttiva 92/106/KEE¹ (id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat), li hija l-unika strument legali fil-livell tal-Unjoni li jinċentiva direttament it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'inqas emissjonijiet bħall-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-trasport marittimu u ferrovjarju.

¹ Id-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri, ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38-42.

II. KONTENUT TAL-PROPOSTA

2. L-għan ewlieni tal-proposta huwa li tkompli żżid il-kompetittività tat-trasport ikkombinat meta mqabbel mat-trasport tal-merkanzija bit-triq għal distanzi twal u għalhekk issaħħaħ it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq lejn modi tat-trasport oħrajn.
3. Il-proposta għandha l-għan li tilħaq dan l-oġettiv billi:
 - twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva attwali 92/106/KEE biex ikun jinkludi operazzjonijiet intermodali nazzjonali;
 - tissimplifika d-definizzjoni ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat, u żżid flessibilità mat-tul tal-parti bit-triq tal-vjaġġ;
 - tispeċifika r-rekwiżiti dwar l-evidenza meħtieġa għal operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat;
 - testendi l-miżuri ta' appoġġ ekonomiku, prinċipalment l-investimenti fit-terminals ta' trażbord, b'mod partikolari tul in-netwerks ewlenin eżistenti tat-TEN-T u daww komprehensivi. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri addizzjonali ta' appoġġ ekonomiku (bħal eżenzjonijiet mit-taxxa) u jikkordinawhom bejniethom u mal-Kummissjoni.
4. L-inizjattiva tikkontribwixxi għall-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (ir-REFIT) għax għandha l-għan li taġġorna u tissimplifika d-Direttiva attwali.

III. ĦIDMA FIL-PARLAMENT EWROPEW

5. Fl-2017, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni għal regoli ċari, moderni u komprensibbli dwar it-trasport ikkombinat li jistgħu jiġu implimentati mill-awtoritajiet. Il-Parlament speċifikament appella lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat biex jizzied it-trasport multimodali, jiġu eliminati prattiki inġusti u tiġi żgurata konformità mal-leġislazzjoni soċjali marbuta mat-trasport ikkombinat.

6. Il-proposta leġislattiva ġiet assenjata lill-Kumitat tal-Parlament għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN), li ħatar lil Daniela Aiuto (EFDD, Italja) bħala rapporteur. Fil-25 ta' April 2018, ir-rapporteur ippreżentat l-abbozz ta' rapport tagħha lill-Kumitat. Ir-rapport jipproponi emendi li fil-parti l-kbira tagħhom jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni u jirrikonoxxu s-sejbiet tal-evalwazzjoni REFIT preċedenti, u saħansitra jipproponi li l-proposta tal-Kummissjoni tissaħħaħ f'għadd ta' oqsma (bħall-obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri, l-inċentivi fiskali li għandhom jiġu offruti mill-Istati Membri għal operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, jew l-investimenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' terminals tat-trażbord jew l-espansjoni ta' dawk eżistenti). Il-vot fil-Kumitat dwar sar fl-10 ta' Lulju 2018.
7. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta opinjoni dwar din il-proposta fid-19 ta' April 2018.

IV. ĦIDMA FIL-KORPI TAL-KUNSILL

8. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta fis-27 ta' Novembru 2017, fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Intermodali (minn hawn 'il quddiem "il-Grupp ta' Ħidma"), u wara sar l-ewwel skambju ta' fehmiet. Il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) tal-proposta ġiet diskussa fid-dettall fit-12 u l-25 ta' Jannar 2018.
9. Il-fajl ġie diskuss b'mod estensiv matul il-Presidenza Bulgara. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu t-tiġdid previst tad-Direttiva li kienet saret anqas rilevanti tul is-snin. Huma qablu mal-ħtieġa li titħaffef il-bidla modali għal mezzi oħrajn ta' trasport għajr dak bit-triq, sabiex jitnaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet fit-toroq. Madankollu, diversi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-fatt li jidher li l-proposta tikkonċentra fuq il-parti bit-triq tal-vjaġġ. B'rabta mal-miżuri ta' appoġġ b'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet stennew assistenza aktar ċara mill-VI dwar kif il-miżuri ta' appoġġ imsemmijin hawn fuq jistgħu jkomplu jiġu żviluppati. Fir-rigward tal-appoġġ għall-investimenti, bosta delegazzjonijiet ikkuntestaw l-għan propost ta' distribuzzjoni ġeografika tat-terminals tat-trażbord, bl-argument li l-post tat-terminals u l-investiment fihom għandhom jiġu deċiżi mill-ħtiġijiet tas-suq.

10. Barra minn hekk, bosta delegazzjonijiet ġibdu l-attenzjoni lejn ir-rabta bejn din il-proposta u xi wħud mill-proposti tal-ewwel pakkett dwar il-mobbiltà u li din ir-rabta kellu jingħatalha aktar attenzjoni. F'dan ir-rigward, huma enfasizzaw iż-żieda possibbli ta' operazzjonijiet tal-kabotaġġ b'riżultat tal-fatt li l-limitazzjonijiet tal-kabotaġġ previsti mir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 - l-hekk imsejjaħ Regolament dwar "*l-aċċess għas-suq*" - ma jkunux japplikaw għall-parti bit-triq tal-vjaġġ tat-trasport ikkombinat. Huma enfasizzaw ukoll li r-rabta bejn il-proposta dwar it-trasport ikkombinat u r-regoli speċifiċi dwar l-*istazzjonament ta' sewwieqa* stipulati fid-Direttivi 96/71/KE u 2014/67/UE kellha bżonn tkompli tiġi vvalutata. Konsegwentement, huma saħqu li għandu jkun hemm koerenza bejn id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-fajls imsemmija hawn fuq u li sabiex dan jiġi żgurat, il-ħidma fuqhom għandha timxi b'mod parallel.
11. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill TTE adotta rapport ta' progress dwar dan il-fajl. Abbażi ta' dan ir-rapport ta' progress tal-Presidenza Bulgara, il-Presidenza Awstrijaka kompliet il-ħidma fuq il-fajl fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-24 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 2018, flimkien ma' għadd sinifikanti ta' diskussjonijiet bilaterali, bl-intenzjoni li jiġu ċċarati l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet ewlenin tal-fajl u jiġu stabbiliti l-aħjar kompromessi possibbli sabiex jintlaħaq Approċċ Ġenerali.
12. Fuq il-bażi tal-kummenti u s-suġġerimenti magħmulin mid-delegazzjonijiet, it-test ta' kompromess tal-Presidenza Awstrijaka jipproponi soluzzjonijiet u kjarifiki dwar għadd ta' kwistjonijiet, b'dawk ewlenin ikunu li ġejjin:
- il-limitazzjoni tal-*kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva* għal operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat *internazzjonali*, jiġifieri bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri u pajjiż terz. Dan Prattikament iżomm il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva attwali dwar it-Trasport Ikkombinat (bejn l-Istati Membri), iżda jinkludi l-kjarifika dwar operazzjonijiet f'pajjiżi terzi, wara s-sentenza tal-QĠUE fil-kawża C-2/84 (dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat);

- ir-rekwiżiti ta' *identifikazzjoni* għall-finijiet ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat: tinħtieġ identifikazzjoni tal-unitajiet ta' tagħbija intermodali skont l-istandards internazzjonali ISO6346 u EN130344 għal semitrejlers mingħajr unità ta' trattur, kaxxi skambjabbli jew kontejners, iżda mhijiex ser tkun obbligu għal trejlers, u lanqas għal vetturi b'unitajiet ta' trattur, jew għal semitrejlers li ma jistgħux jinġarru bi krejnijiet;
- *l-estensjoni lil hinn mil-limitu ta' 150 km ta' kull parti bit-triq tal-vjaġġ* ser tkun l-għażla ta' kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet reġjonali tiegħu. Peress li l-ġeografija u l-post ta' terminals tat-trażbord tal-Istati Membri huma differenti ħafna, kull Stat Membru ser ikollu l-possibbiltà li jistabbilixxi skont liema regoli l-partijiet bit-triq tal-vjaġġ jistgħu jaqbżu l-limitu ta' 150 km, sabiex jintlaħaq it-terminal adatt l-aktar viċin fit-territorju tagħhom. Sabiex jgħinu lil operaturi tat-trasport ikkombinat, l-Istati Membri ser ikollhom l-obbligu li jagħmlu pubbliku r-regoli msemmija hawn fuq;
- *aċċess nondiskriminatorju għal terminals tat-trażbord appoġġati pubblikament* għal mill-inqas ħames snin. Din id-dispożizzjoni tirrifletti t-tħassib ta' xi Stati Membri fir-rigward tal-fatt li setgħu biss jiggarrantixxu aċċess nondiskriminatorju għal terminals iffinanzjati pubblikament jew daww kofinanzjati għal ċertu perjodu ta' żmien, sakemm ma jkunx previst b'mod speċifiku f'kuntratt. Madankollu, l-Istati Membri ser ikollhom il-flessibbiltà li jestendu l-aċċess miftuħ lil hinn minn ħames snin;
- obbligu għall-Kummissjoni li tivvaluta l-possibbiltà li *jiġu simplifikati r-regoli dwar għajjnuna mill-istat* applikabbli għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.

V. KWISTJONI PENDENTI EWLENIN

Rabta mal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I fir-rigward ta' regoli dwar il-kabotaġġ u l-istazzjonament ta' sewwieqa

13. Il-proposta tal-Kummissjoni tħalli l-Artikolu 2 tad-Direttiva kif inhu fir-rigward tal-kwoti nazzjonali u l-projbizzjoni ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Il-proposta tal-Kummissjoni tħalli wkoll l-Artikolu 4 kif inhu, jiġifieri li t-trasportaturi (li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolamenti (KE) 1071/2009 u 1072/2009) ikollhom id-dritt li jwettqu l-kabotaġġ fil-partijiet inizjali/finali bit-triq tal-vjaġġ li jkunu parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat, bejn l-Istati Membri, iżda wkoll fil-fruntieri ta' Stat Membru.
14. Mill-bidu tad-diskussjonijiet dwar din il-proposta fil-Kunsill, diversi delegazzjonijiet ipproponew li jmorru lura għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva attwali (jiġifieri operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat internazzjonali) peress li, fil-fehma tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni l-ġdid ikun ekwivalenti għal-liberalizzazzjoni tal-kabotaġġ domestiku. Dawn id-delegazzjonijiet għandhom dubju dwar l-għażla ta' politika li jiġu inċentivati operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat b'detrimenti ta' żieda potenzjali fil-kabotaġġ illegali jew kompetizzjoni inġusta minħabba servizzi orħos offriti minn ċerti trasportaturi. Għalhekk, jipproponu t-tħassir tal-Artikolu 4 tad-Direttiva attwali dwar it-Trasport Ikkombinat. Delegazzjonijiet oħrajn opponew din il-fehma.
15. Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet jaqblu li, fir-rigward tal-partijiet bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, hemm rabta mill-qrib bejn il-kwistjoni tal-kabotaġġ f'din id-Direttiva u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 - l-hekk imsejjaħ Regolament dwar "*l-aċċess għas-suq*", kif ukoll fir-regoli speċifiċi dwar *l-istazzjonament ta' sewwieqa* li jinsabu fid-Direttivi 96/71/KE u 2014/67/UE² - l-hekk imsejja *"lex specialis"*. F'dan ir-rigward, enfasizzaw b'mod konsistenti li għandu jkun hemm koerenza bejn id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dawn il-fajls u li, sabiex dan jiġi żgurat, il-ħidma fuqhom għandha timxi b'mod parallel. L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-istazzjonament għal partijiet inizjali u finali bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat issa hija rregolata fil-proposta li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u l-istabbiliment ta' regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttivi 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonament ta' sewwieqa, l-hekk imsejja *"lex specialis"* (l-Artikolu 2(2b) u l-premessa 12e).

² Proposta tal-Kummissjoni: COM(2017) 278 final - 2017/0121 (COD)

16. Fil-laqgħa tal-Coreper fl-14 ta' Novembru 2018, żewġ Stati Membri, appoġġati minn għadd ta' delegazzjonijiet oħrajn, enfasizzaw mill-ġdid il-ħtieġa li jitħassar l-Artikolu 4 tad-Direttiva attwali. Grupp ieħor ta' Stati Membri tennew l-oppożizzjoni tagħhom għat-tħassir tal-Artikolu 4. Konsegwentement, il-Presidenza qed tipproponi kompromess li temenda l-Artikolu 4 billi tippermetti l-possibbiltà għall-Istati Membri li jillimitaw il-perjodu ta' żmien li matulu vettura tista' tipprovdi servizzi matul il-partijiet inizjali u/jew finali bit-triq tal-vjaġġ fi Stat Membru ospitanti.
17. Kwistjonijiet pendenti oħrajn huma riflessi fin-noti f'qiegħ il-paġna tat-test fl-Anness għal dan ir-rapport.
18. Id-delegazzjonijiet kollha, kif ukoll il-Kummissjoni, għandhom riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar l-aħħar verżjoni tat-test (fl-anness għal dan ir-rapport). Il-bidliet fir-rigward tal-verżjoni preċedenti tat-test (id-dokument 13871/18) huma mmarkati b'**tipa grassa** u [...].
19. Il-Kummissjoni tirriżerva kompletament il-pożizzjoni tagħha dwar il-proposta ta' kompromess kollha kemm hi, sakemm isiru n-negożjati mal-Parlament Ewropew.
20. DK, MT u UK għandhom riżerva ta' skrutinju parlamentari dwar il-proposta.

VI. KONKLUŻJONIJIET

21. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina t-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport u, jekk possibbli, jirriżolvi l-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jippermetti lill-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali dwar din il-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2018.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li temenda d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta'
trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-impatt negattiv tat-trasport fuq it-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti, l-istorbju u l-konġestjoni għadhom joħolqu problemi għall-ekonomija, is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej. Minkejja li t-trasport bit-triq hu l-akbar kontributur ta' dawk l-effetti negattivi it-trasport tal-merkanzija bit-triq hu stmat li ser jiżdied b'60 % sal-2050.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

- (2) It-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-attivitajiet tat-trasport għadu waħda mill-miri ewlenin tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE⁵ li tistabbilixxi miżuri li jħeġġu l-iżvilupp ta' trasport ikkombinat, hi l-uniku att leġiżlattiv tal-Unjoni li jinċentiva direttament it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'inqas emissjonijiet bħall-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-trasport marittimu u ferrovjarju.
- (3) Il-mira li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' aktar minn 300 km jaqleb għal modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju jew fuq l-ilma sal-2030, u li jkun hemm aktar minn 50 % sal-2050, biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni tal-ktajjen loġistiċi multimodali, inkluż b'użu akbar ta' modi aktar effiċjenti fl-enerġija, imxiet aktar bil-mod milli mistenni u skont it-tbassir attwali, mhix se tintlaħaq.
- (4) Id-Direttiva 92/106/KEE kkontribwiet għall-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport ikkombinat u għenet biex ammont konsiderevoli ta' trasport tal-merkanzija ma jibqax isir bit-triq. In-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva, fosthom il-lingwaġġ ambigwu u d-dispożizzjonijiet skaduti, u l-ambitu limitat tal-miżuri ta' appoġġ tagħha, dgħajfu ferm l-impatt tagħha.
- (5) Id-Direttiva 92/106/KEE jenħtieġ tiġi ssimplifikata u titjieb l-implimentazzjoni tagħha b'reviżjoni tal-inċentivi ekonomiċi għat-trasport ikkombinat, bil-għan li titħeġġeġ il-bidla minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi li huma aktar favur l-ambjent, aktar sikuri, aktar effiċjenti fl-enerġija u li jgħolqu inqas konġestjoni.
- (6) [...]⁶

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

⁶ COM għandha riżerva dwar it-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni, skont ir-riżerva fl-Artikolu 1(1).

- (6a) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/106 KEE jipprojbixxi kwoti u awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati. **Din id-Direttiva ma taffettwax ftehimiet bilaterali konklużi mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi dwar operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati. [...].**
- (7) **Filwaqt li l-liberalizzazzjoni ulterjuri li tinsab fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106/KEE meta mqabbla mal-kabotaġġ fir-Regolament (UE) Nru 1072/2009 kienet ta' benefiċċju biex jiġi promoss it-trasport ikkombinat u għandha, fil-prinċipju, tinżamm, jinħtieġ li jiġi żgurat li ma tintużax ħażin. L-esperjenza turi li dik id-dispożizzjoni, f'ċerti partijiet tal-Unjoni, intużat b'mod sistematiku biex tiġi evitata n-natura temporanja tal-kabotaġġ u bħala l-bażi għal preżenza kontinwa ta' vetturi fi Stat Membru ħlief dak tal-istabbiliment. Tali Prattiki inġusti jwasslu għal dumping soċjali u jipperikolaw ir-rispett għall-qafas legali relatat mal-kabotaġġ. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/106/KEE għandu għalhekk jiġi emendat billi tingħata lill-Istati Membri l-possibbiltà li jindirizzaw tali problemi billi jintroduċu limitu proporzjonali għall-preżenza kontinwa ta' vetturi fit-territorju tagħhom.**
- (8) Id-definizzjoni ta' trasport ikkombinat fid-Direttiva 92/106/KE tinkludi limiti tad-distanza differenti għall-partijiet bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat, skont il-mezz tal-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq. Għall-ferroviji, ma hemm l-ebda limitu fiss tad-distanza iżda minflok il-kunċett mhux iddefinit ta' "l-eqreb terminal adatt" li jipprovdi xi flessibbiltà biex jittieħed kont ta' sitwazzjonijiet speċifiċi. Dik il-limitazzjoni ħolqot bosta diffikultajiet fl-implimentazzjoni tagħha minħabba interpretazzjonijiet varji u minħabba diffikultajiet speċifiċi biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni. Dawk l-ambigwitatijiet għandhom jitneħħew waqt li jiġi żgurat ukoll li jinżamm ċertu livell ta' flessibbiltà. B'mod partikolari, li tkun permessa żona milħuqa ndaqs għall-kombinazzjonijiet modali kollha u l-faċilitazzjoni tal-infurzar minħabba s-sempliċità ta' kejl tad-distanza ta' parti bit-triq tal-vjaġġ f'linja diretta abbażi ta' indirizzi jew koordinati tal-GNSS tal-punt ta' tluq u dak tal-wasla ta' parti bit-triq tal-vjaġġ (bl-użu, pereżempju, ta' għodod eżistenti) jissimplifikaw l-ippjanar ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.

(8a) L-għanijiet ta' din id-Direttiva biex tkompli tippromwovi l-bidla mit-trasport bit-triq għal mezzi tat-trasport aktar ekoloġiċi, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti negattivi tas-sistema ta' trasport tal-Unjoni, għandhom jintlaħqu fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li l-limitu ta' distanza ta' 150 km f'linja dritta fil-prinċipju jippermetti żona milħuqa ndaqs għall-mezzi kollha tat-trasport fl-Istati Membri kollha, irid jittieħed kont tad-differenzi reġjonali minħabba kriterji ġeografiċi u ekonomiċi, kif ukoll tad-densità tal-popolazzjoni. Tista' tinħtieġ ċerta flessibbiltà li jinqabeż dan il-limitu ta' distanza għal parti bit-triq tal-vjaġġ jekk ma jistgħux jinstabu f'din id-distanza terminal tat-triq/ferrovjarju adatt f'termini ta' tagħmir tat-trażbord u/jew ta' kapaċità tat-terminal. Bl-istess mod, tinħtieġ il-flessibbiltà għat-tnaqqis ta' dan il-limitu ta' distanza ta' parti bit-triq tal-vjaġġ f'każijiet speċifiċi, definiti b'mod ċar sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jesperjenzaw bidla mit-triq għal mezzi tat-trasport ekoloġiċi u jiġi evitat li xi reġjuni jibbenefikaw minn bidla modali, filwaqt li oħrajn, għall-kuntrarju, jesperjenzaw saħansitra aktar trasport bit-triq: fis-sitwazzjoni fejn parti bit-triq tal-vjaġġ tgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma titgħabba jew tinħatt il-merkanzija, dak l-Istat Membru jista' jagħżel li ma jqisx dik l-operazzjoni bħala trasport ikkombinat u b'hekk ma japplikax il-miżuri ta' appoġġ previsti minn din id-Direttiva u/jew id-Direttiva 96/53/KEE fir-rigward tal-eżenzjonijiet tal-piż li jirreferu għal trasport ikkombinat.⁷

⁷ COM għandha riżerva dwar din il-premessa, skont ir-riżervi tal-COM dwar l-Artikolu 1(3a) u (3b).

- (9) Fid-definizzjoni ta' trasport ikkombinat fid-Direttiva 92/106/KEE, id-distanza minima ta' 100 km għall-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat tiżgura li tkopri ħafna mill-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Il-partijiet ferrovjarji u bil-baħar tipikament isiru f'distanzi itwal biex ikunu kompetittivi mat-trasport bit-triq unimodali. Dik id-distanza minima tiżgura wkoll li operazzjonijiet speċifiċi jkunu esklużi mill-ambitu, fosthom il-qasmiet qosra bil-vapuri li se jseħħu xorta waħda. Madankollu, b'tali limitazzjoni ta' distanza minima, għadd ta' operazzjonijiet madwar il-portijiet u fl-agglomerazzjonijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u madwarhom, li jikkontribwixxu bil-bosta biex titneħħa l-konġestjoni min-netwerks tat-toroq fil-portijiet tal-baħar u fiż-żoni interni fil-viċin u biex jonqsu l-piżijiet ambjentali fl-agglomerazzjonijiet, ma jaqawx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva attwali dwar it-Trasport Ikkombinat. Għalhekk ikun utli li titneħħa dik il-limitazzjoni ta' distanza minima, filwaqt li tinżamm l-esklużjoni ta' partijiet tal-vjaġġ li mhix bit-triq, bl-għan uniku li jingħeleb ostaklu naturali u li ma tinġiebx bidla modali fl-UE. Tali partijiet tal-vjaġġ li mhix bit-triq esklużi jinkludu qsim minn gżira għal oħra bil-vapur (bħall-Cork-Roscoff jew minn Puttgarden għal Rødby) jew permezz ta' mina (bħall-Eurotunnel) fejn ma jkun hemm l-ebda alternattiva bit-triq għall-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq, u każijiet fejn ikun hemm alternattiva teoretika bit-triq għall-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq tal-operazzjoni, iżda din il-parti bit-triq tal-vjaġġ ma tkunx kummerċjalment vijabbli peress li tkun konsiderevolment itwal u tikkawża dewmien u prezzijiet mhux kompetittivi, bħall-qsim bil-vapur minn Tallinn għal Stokkolma, jew il-qsim bil-vapur minn Bari għal Dubrovnik. Min-naħa l-oħra, jekk il-ferroviji jew il-passaġġi fuq l-ilma interni jintużaw qabel jew wara qsim bil-lvapur, u jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għal partijiet inizjali u finali bit-triq tal-vjaġġ, il-katina ta' trasport minn konsenjatur għal konsenjatarju għandha tikkwalifika wkoll bħala trasport ikkombinat. Barra minn hekk, il-partijiet li mhumex bit-triq li jikkonsistu minn konnessjonijiet ta' gżejjer fejn l-operatur jagħżel li jmur bil-vapur għal port aktar 'il bogħod minflok l-eqreb wieħed, u b'hekk jevita distanza konsiderevoli ta' trasport bit-triq, bħal li jagħżel Cork-Santander minflok isuq minn Roscoff għal Spanja, ma għandhomx jiġu esklużi u għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ, peress li jgħibu magħhom bidla modali.

- (9a) Barra minn hekk, filwaqt li d-definizzjoni attwali ta' trasport ikkombinat tkopri biss operazzjonijiet bejn l-Istati Membri, parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali bejn l-Istati Membri u pajjiż terz għandha tiġi interpretata li tiġi koperta mid-Direttiva jekk il-parti tal-Unjoni tal-operazzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fid-definizzjoni ta' trasport ikkombinat, peress li għgib magħha bidla modali fl-Unjoni. F'dak il-każ, madankollu, il-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq li taqsam fruntiera tal-Unjoni Ewropea trid tkun mill-inqas 100 km f'territorju tal-UE. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, tinħtieġ kjarifika għal dan il-għan.
- (9b) Filwaqt li l-parti ta' operazzjonijiet tat-trasport intermodali li jibdew jew jintemmu f'pajjiżi terzi li ssir fl-Unjoni tiġi koperta minn din id-Direttiva taħt ċerti kondizzjonijiet, il-kondizzjonijiet għal aċċess għas-suq u aċċess għall-okkupazzjoni applikabbli għal trasportaturi minn pajjiż terzi jkomplu jkunu soġġetti għal ftehimiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi li fihom dispożizzjonijiet dwar it-trasport bit-triq.
- (10) Il-limitu minimu tad-daqs ta' unitajiet tat-tagħbija intermodali li bħalissa huwa speċifikat fid-definizzjoni ta' trasport ikkombinat jista' jxekkel l-iżvilupp futur ta' soluzzjonijiet intermodali innovattivi għat-trasport urban u għalhekk għandu jitneħħa kwalunkwe limitu għad-daqs jew il-format ta' kontejner. Min-naħa l-oħra, li jkunu jistgħu jiġu identifikati unitajiet tat-tagħbija intermodali permezz ta' mezzi ta' identifikazzjoni eżistenti u użati ħafna jista' jħaffef it-trattament ta' unitajiet tat-tagħbija intermodali fit-terminals u jiffaċilità l-fluss tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati. Id-dimensjonijiet massimi permessi għal unitajiet tat-tagħbija intermodali għall-partijiet inizjali u finali bit-triq tal-vjaġġ huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/KE.

- (11) L-użu antikwat tat-timbri bħala prova li saret operazzjoni tat-trasport ikkombinat ixekkel l-infurzar effettiv jew il-verifika tal-eliġibbiltà għall-miżuri previsti fid-Direttiva 92/106/KEE. Jenħtieġ li l-evidenza meħtieġa bħala prova li qed issir operazzjoni tat-trasport ikkombinat tiġi ċċarata flimkien mal-mezzi li bihom trid tingħata din il-prova. B'mod partikolari huwa importanti li jittenna li tali evidenza tista' tiġi pprovduta, parzjalment jew kompletament, permezz ta' dokumenti eżistenti tat-trasport bħan-noti ta' konsenja previsti taħt diversi konvenzjonijiet internazzjonali. L-użu u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni tat-trasport permezz ta' mezzi elettroniċi bħan-noti ta' konsenja elettroniċi eCMR⁸ għandhom jiġu inkoraġġuti permissi li jissimplifikaw l-għoti ta' evidenza rilevanti. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi żgurat li tiġi aċċettata informazzjoni elettronika mill-awtoritajiet rilevanti. L-evidenza provduta, jekk stampata jew f'format elettroniku, għandha tkun affidabbli u awtentifikata, skont il-format b'firma bil-miktub, timbru jew metodu elettroniku ta' awtentikazzjoni. Il-qafas regolatorju u l-inizjattivi li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u d-diġitalizzazzjoni tal-aspetti tat-trasport għandhom iqisu l-iżviluppi fil-livell tal-Unjoni.
- (12) L-ambitu tal-miżuri attwali ta' appoġġ ekonomiku, kif definit fid-Direttiva 92/106/KEE, hu limitat ħafna u jikkonsisti f'miżuri fiskali (jiġifieri r-rifużjoni jew it-tnaqqis tat-taxxi) li jikkonċernaw biss ċerti tipi ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat ferrovjarju/bit-triq. Miżuri rilevanti oħra għall-kombinazzjonijiet modali kollha għandhom jiġu inkoraġġuti wkoll sabiex jitnaqqas is-sehem tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u jiġi inkoraġġut l-użu ta' modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu biex jitnaqqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni.

⁸ Previst mill-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ta' Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (CMR) dwar in-Nota ta' Konsenja Elettronika.

- (13) L-ostaklu infrastrutturali ewlieni li qed ixekkel it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi oħra tat-trasport jinsab fil-livell ta' terminals tat-trażbord. Id-distribuzzjoni attwali u l-kopertura tat-terminals tat-trażbord fl-Unjoni, inkluż tul in-network Komprensiv u Ewlieni tat-TEN-T eżistenti, mhumiex biżżejjed, filwaqt li l-kapaċità tat-terminals tat-trażbord eżistenti qed toqrob lejn il-limitu tagħha u jeħtieġ tiġi żviluppata biex tkun tista' tlaħħaq maż-żieda ġenerali fit-traffiku tal-merkanzija. B'investiment fil-kapaċità tat-terminals tat-trażbord jistgħu jonqsu l-kostijiet ġenerali tat-trażbord, u b'hekk tiġi ġġenerata bidla modali dderivata, bħalma ġara f'xi Stati Membri. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jappoġġaw l-investiment li jiżgura li network effiċjenti ta' terminals tat-trażbord ikkombinat b'kapaċità tat-trażbord suffiċjenti li jissodisfa d-domanda eżistenti u futura għall-infrastruttura tat-trasport ikun disponibbli għall-operaturi tat-trasport. Tali miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' ppjanar nazzjonali ta' politika tat-trasport, ippjanar dedikat għall-art, sħubiji pubbliċi-privati, kiri ta' art nazzjonali jew muniċipali għal għan dedikat jew miżuri differenti ta' għajjnuna mill-istat. Dan jagħmel l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat aktar kompetittivi meta mqabbla mat-trasport bit-triq unimodali u b'hekk jinċentivizza l-użu ta' alternattivi tat-trasport ta' merkanzija u jżid il-bidla modali.
- (13a) Il-kopertura, l-effiċjenza u l-kapaċità miżjuda ta' terminals tat-trażbord għandhom, tal-inqas, jiġu stabbiliti tul in-networks Komprensivi u Ewlenin tat-TEN-T eżistenti. Sabiex l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din id-Direttiva, u filwaqt li jittieħed kont dovut tad-densità tal-popolazzjoni, il-limitazzjonijiet ġeografiċi jew naturali, il-kondizzjonijiet tas-suq u l-flussi ta' kummerċ u merkanzija, l-għan fit-tul għandu jkun li jkun hemm bħala medja mill-inqas terminal tat-trażbord adatt wieħed għat-trasport ikkombinat li jinsab mhux aktar 'il bogħod minn 150 km minn kwalunkwe post tat-trażbord fl-Unjoni. Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u, fejn adatt, mal-Kummissjoni tiffaċilita l-ksib ta' din il-mira.

- (13b) B'mod partikolari meta terminal ikun appoġġat minn flus pubbliċi, jidher importanti li jingħata aċċess miftuħ mingħajr diskriminazzjoni lill-utenti kollha tat-trasport ikkombinat, mill-inqas għal ċertu perjodu ta' żmien. Perjodu minimu ta' ħames snin jidher adatt peress li, pereżempju, kuntratti għall-kofinanzjament ta' terminals taħt il-programm ta' finanzjament ESI fihom din id-dispożizzjoni.⁹ Perjodu itwal ta' żmien jista', madankollu, jiġi previst minn kuntratti, programmi u/jew Stati Membri oħra. Miżuri li jiddokumentaw tali aċċess nondiskriminatorju miftuħ (bħall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar tariffi għal servizzi tat-terminal) jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni ulterjuri ta' trasport intermodali u b'hekk għal bidla modali derivata.
- (14) L-Istati Membri jistgħu jimplementaw miżuri ta' appoġġ ekonomiku flimkien ma' dawk eżistenti, li jimmiraw lejn il-partijiet u l-elementi diversi ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat. Tali miżuri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 29 sa 37 tad-Direttiva 2012/34/UE, jinkludu pereżempju t-tnaqqis ta' ċerti taxxi, tariffi tal-aċċess għall-infrastruttura, tariffi tal-ispiża esterna, tariffi tal-konġestjoni jew tariffi oħra tat-trasport, għotjiet diretti għat-trasport ta' unitajiet tat-tagħbija intermodali f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati, rimborż parzjali ta' spejjeż tat-trażbord, eżenzjonijiet minn projbizzjonijiet tat-traffiku, appoġġ għall-investimenti f'soluzzjonijiet diġitali għat-trasport ikkombinat.
- (15) Iridu jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Barra minn hekk, filwaqt li jittieħed kont tal-importanza ta' tali appoġġ għal żvilupp tat-trasport ikkombinat, il-Kummissjoni għandha¹⁰ [...] tivvaluta l-possibbiltà li jitfasslu kriterji għall-kompatibbiltà mas-suq intern ta' ċerti tipi ta' għajnuna għat-trasport ikkombinat fid-dawl tal-iżvilupp esperjenzat.
- (16) [...] (*tmexxa għall-premessa 13a*)
- (17) Jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu rieżaminati b'mod regolari mill-Istati Membri ħalli jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom.

⁹ Kif previst mir-Regolament (UE) 1303/2013, b'mod partikolari l-Art.71

¹⁰ Skont il-kummenti tagħha fl-Artikolu 6(8a), COM hija kontra s-sostituzzjoni tat-terminu "tista" b"għandha".

- (18) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li ma ssirx distinzjoni bejn it-trasport ikkombinat għall-kiri jew kumpens u t-trasport ikkombinat għall-kont proprju.
- (19) Sabiex wieħed ilaħħaq u jippermetti evalwazzjoni tal-evoluzzjoni tat-trasport fl-Unjoni, u b'mod partikolari tas-suq tat-trasport ikkombinat, għandhom jinġabru data u informazzjoni rilevanti, komparabbli u affidabbli fil-livell tal-Unjoni¹¹, kif ukoll mill-Istati Membri u rrapportati lill-Kummissjoni fuq bażi regolari. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kull ħames snin. Fejn disponibbli, u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' ħidma u piż amministrattiv, data u informazzjoni relatati mat-trasport ikkombinat rilevanti minn sorsi eżistenti, bħall-EUROSTAT jew bażijiet ta' data nazzjonali tal-statistika, [...] għandhom jintużaw mill-ġdid għal dak il-għan.
- (19a) Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi biex jiffaċilitaw ir-rappurtar meħtieġ mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-Istati Membri li jiddeskrivu l-metodi għall-ġbir u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat imsemmija fl-Artikolu 5(1).
- (20) It-trasparenza hija importanti għall-partijiet ikkonċernati kollha involuta f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Sabiex tiġi appoġġata tali trasparenza, huwa importanti li tiġi żgurata l-pubblikazzjoni tar-regoli, il-miżuri u d-dettalji tal-kuntatt rilevanti kollha b'mod faċilment aċċessibbli.
- (21) [...]

¹¹ COM għandha riżerva fuq din il-premessa, peress li l-Artikolu 5 ma jipprevedi ebda ġbir ta' informazzjoni fil-livell tal-UE.

(22) Ladarba l-objettivi ta' din id-Direttiva li jkomplu jħeġġu l-bidla minn trasport bit-triq għal modi tat-trasport aktar favur l-ambjent, u b'hekk jonqsu l-esternalitajiet negattivi tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda, minħabba n-natura primarjament transfruntiera tat-trasport ikkombinat tal-merkanzija u l-infrastruttura interkonnessa, u minħabba l-problemi li din id-Direttiva tfasslet biex tindirizza, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(23) Għaldaqstant, id-Direttiva 92/106/KEE jenħtiegħ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 92/106/KEE hi emendata kif ġej:

(1) it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat internazzjonali tal-merkanzija";

Artikolu 1a ġdid:

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni billi tippromwovi l-iżvilupp ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat u tinkoraġġixxi l-bidla modali tat-trasport ta' merkanzija mit-triq għal mezzi oħra tat-trasport bħall-ferrovija, il-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu billi żżid il-kompetittività ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat meta mqabbla mat-trasport ta' merkanzija bit-triq.

(2) l-Artikolu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat internazzjonali¹².
2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "trasport ikkombinat internazzjonali" tfisser it-trasport ta' unitajiet tat-tagħbija intermodali (mimlija jew vojta) minn operazzjoni tat-trasport bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri u pajjiż terz, li tikkonsisti minn parti inizjali jew finali bit-triq tal-vjaġġ, jew mit-tnejn, kif ukoll minn parti waħda jew aktar tal-vjaġġ li mhumiex bit-triq u li jużaw trasport ferrovjarju, tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew dak marittimu:

Unitajiet tat-tagħbija intermodali għandhom jinftiehem li jkunu:

- (a) trejler jew semitrejler, bla unità ta' trattur, kaxxa skambjabbli jew kontejner, identifikati, f'konformità mas-sistema ta' identifikazzjoni stabbilita skont l-istandards internazzjonali ISO6346 u EN13044, fejn l-unità tat-tagħbija intermodali mhux akkumpanjata tiġi trażbordata bejn il-mezzi differenti tat-trasport; jew
- (b) vettura tat-triq (trakk bi trejler jew mingħajru, jew semitrejler b'unità ta' trattur), jew semitrajler li ma jistax jinġarr bi krejnijiet¹³ li jinġarr bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew bit-trasport marittimu għall-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq.

[...] ¹⁴

- 2a. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal dawg l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li fihom mill-inqas waħda mill-partijiet tal-vjaġġ li mhix bit-triq ikollha alternattiv vijabbli ekwivalenti ta' trasport bit-triq u b'hekk l-operazzjoni totali ġġib magħha bidla modali fl-Unjoni.

¹² COM għandha riżerva fuq il-kamp ta' applikazzjoni. Fil-fehma tal-COM, din tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta b'20 %.

¹³ COM għandha riżerva fuq l-esklużjoni ta' semitrejlers li ma jistagħux jinġarru bi krejnijiet mir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni.

¹⁴ COM, appoġġata minn BE, LU u PT, tippreferi żżomm l-obbligu għal identifikazzjoni għal semitrejlers li ma jistgħux jinġarru bi krejnijiet wara perijodu transizzjonali.

3. Kull parti bit-triq tal-vjaġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex taqbeż 150 km fit-tul f'linja dritta;¹⁵

Dak il-limitu ta' distanza ta' parti bit-triq tal-vjaġġ għandu japplika għat-tul totali ta' kull parti bit-triq tal-vjaġġ, irrispettivament minn kwalunkwe waqfa intermedjarja fil-parti inizjali u konsenji fil-parti finali tal-vjaġġ. It-trasport ta' unitajiet tat-tagħbija vojta qabel parti inizjali jew finali bit-triq tal-vjaġġ (bħal minn jew lejn depot tal-kontejners) ma jitqiesx parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat.

- 3a. Jekk terminal¹⁶ tat-triq/ferrovija adatt f'termini ta' tagħmir tat-trażbord u/jew kapaċità tat-terminal ma jistgħux jinstabu f'distanza ta' 150 km f'linja dritta, dan il-limitu ta' distanza ta' parti bit-triq tal-vjaġġ jista' jinqabeż għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, sabiex jintlaħaq ġeografikament l-eqreb terminal tat-trasport adatt li jkollu l-kapaċità ta' trażbord operazzjonali meħtieġa f'konformità mar-regoli speċifikati mill-Istati Membri. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw jekk ma tkunx disponibbli l-kapaċità ta' trażbord operazzjonali meħtieġa¹⁷ u jidentifikaw l-alternattivi adatti¹⁸. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw dawn ir-regoli.

¹⁵ COM għandha riżerva fuq it-tħassir tal-limitu ta' 20 % u r-referenza relatata fl-Artikolu 3. PL tappoġġa l-proposta ta' COM dwar din il-kwistjoni.

¹⁶ MT, PL u PT jissuġġerixxu li jinzieđu l-portijiet marittimi.

¹⁷ COM għandha riżerva qawwija rigward it-tnaqqis ta' eliġibbiltà għall-appoġġ 'l isfel mil-livell tal-lum. COM tissuġġerixxi li jiġi sostitwit dan il-paragrafu bil-lingwaġġ li ġej: "*Jekk terminal tat-triq/ferrovija adatt f'termini ta' tagħmir tat-trażbord, kapaċità tat-terminal, ħinijiet ta' ftuħ tat-terminal u/jew servizzi ferrovjarji adatti ma jistgħux jinstabu f'distanza ta' 150 km f'linja dritta, dan il-limitu ta' distanza ta' parti bit-triq tal-vjaġġ jista' jinqabeż għal operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, sabiex jintlaħaq ġeografikament l-eqreb terminal tat-trasport adatt li jkollu l-kapaċità ta' trażbord operazzjonali meħtieġa.*"

¹⁸ COM, appoġġata minn BE u LU, tippreferi l-verżjoni preċedenti ta' dan it-test, b'regoli armonizzati fil-livell tal-UE.

- 3b. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-miżuri ta' appoġġ previsti fl-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva għal parti bit-triq tal-vjaġġ li tgħaddi mit-territorju tiegħu minghajar ma titgħabba jew tinħatt il-merkanzija. Dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li, għall-finijiet tad-Direttiva 96/53/KE, tali parti bit-triq tal-vjaġġ ma għandhiex titqies bħala parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw dawn ir-regoli.¹⁹²⁰²¹
4. Fejn operazzjoni tat-trasport ikkombinat tibda u/jew tintemm barra mill-Unjoni, din id-Direttiva għandha tapplika għall-parti tal-operazzjoni fl-Unjoni jekk:
- (a) il-parti tal-operazzjoni li ssir fl-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2, 2a u 3, 3a u 3b u
 - (b) il-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq li taqsam fruntiera tal-Unjoni tkun mill-inqas 100 km twila fl-Unjoni."²²
- (3) l-Artikolu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasport bit-triq jitqies li jiffirma parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat kopert minn din id-Direttiva biss jekk it-trasportatur li jgħorr din l-operazzjoni ta' trasport bit-triq jista' jipproduċi evidenza ċara li tali trasport bit-triq jikkostitwixxi parti bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat.
2. L-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-isem, l-indirizz u d-dettalji tal-kuntatt tal-konsenjatur jew l-operatur li jorganizza l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat f'isem il-konsenjatur.

¹⁹ COM għandha riżerva qawwi fuq dan il-paragrafu.

²⁰ IT, PL, SI u FI għandhom riżerva fuq dan il-paragrafu.

²¹ SI tissuġġerixxi formulazzjoni alternattiva għal dan il-paragrafu: "*It-tranżitu ta' Stat Membru tal-UE fil-parti inizjali jew finali bit-triq tal-vjaġġ ta' trasport ikkombinat huwa permess/possibbli biss jekk l-Istat Membru ma joffrix terminal tat-trasport ikkombinat adatt.*"

²² PL għandha t-tħassib dwar dan il-paragrafu, minħabba li jeskludi terminals li jkunu viċin il-fruntiera.

- (b) identifikazzjoni tal-unità tat-tagħbija intermodali trasportata, jew f'każ li vettura tat-triq tinġarr f'parti li mhix bit-triq, identifikazzjoni ta' din il-vettura tat-triq;
- (ba) l-isem, l-indirizz, u d-dettalji tal-kuntatt tal-konsenjatarju;
- (c) ir-rota tal-operazzjoni tat-trasport ikkombinat:
 - il-postijiet fejn tibda u tintemm kull waħda mill-partijiet differenti tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni u d-dati rispettivi;
 - id-distanzi li ġejjin:
 - (i) distanzi f'linja dritta għal kull parti bit-triq tal-vjaġġ fl-Unjoni;
 - (ii) [...] ²³;
 - (iii) operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat soġġetti għall-Artikolu 1.4 (b), id-distanza tal-parti li mhix bit-triq fl-Unjoni
 - Il-parti bit-triq tal-vjaġġ tista' taqbeż 150 km biss f'konformità mar-regoli rilevanti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 1(3a) ²⁴;
 - F'każ ta' parti inizjali bit-triq tal-vjaġġ, konferma mill-ewwel terminal ta' trażbord, jew minn dak li jmiss, biex jiġi ppruvat li l-unità tat-tagħbija intermodali identifikata ser tiġi trażbordata bejn mezzi tat-trasport, inkluż il-post u d-data, jew konferma mill-operatur(i) rispettivi ta' parti li mhix bit-triq li l-unità tat-tagħbija intermodali identifikata jew il-vettura tat-triq ser tinġarr minnhom bħala parti minn din l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat, inkluż il-post u d-data tal-punt ta' tagħbija;

²³ COM għandha riżerva fuq it-tħassir ta' dan il-punt, b'rabta mat-tħassir tal-limitu ta' 20 % mill-Art. 1(3)(b).

²⁴ COM tipproponi li jitħassar dan is-subparagrafu, sabiex tiġi riflessa l-emenda proposta fin-nota 15 ta' qiegħ il-paġna fl-Art. 1(3a) u jiddaħħal mill-ġdid il-lingwaġġ mir-Rapport ta' Progress ta' BG: " - jekk il-parti bit-triq tal-vjaġġ taqbeż il-150 km f'linja dritta, il-ġustifikazzjoni li tinqabeż id-distanza f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(3a)".

- f'każ ta' parti finali bit-triq tal-vjaġġ, konferma mill-aħħar terminal ta' trazzbord biex tagħti prova li l-unità tat-tagħbija intermodali identifikata tkun ġiet trazzbordata bejn mezzi tat-trasport, inkluż il-post u d-data, jew konferma mill-operatur(i) rispettivi ta' parti li mhix bit-triq li l-unità tat-tagħbija intermodali identifikata jew il-vettura tat-triq tkun iġġarret minnhom bħala parti minn din l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat, inkluż il-post u d-data tal-punt ta' konsenja.

- 2a. Kwalunkwe evidenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi awtentifikata kif adatt.
3. Evidenza jew dokumenti eżistenti jistgħu jintużaw jekk tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 3(2). F'dak il-każ, ma għandu jinħtieġ ebda evidenza jew dokument addizzjonali biex jagħti prova li t-trasportatur qed iwettaq operazzjoni tat-trasport ikkombinat.
4. L-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata mat-talba tal-uffiċjal awtorizzat ta' spezzjoni tal-Istat Membru fejn ikun qed jitwettaq il-kontroll. Din għandha tingħata b'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew bl-Ingliż.
- 4a. Fil-każ ta' kontrolli ma' ġenb it-triq, ix-xufier għandu jkun jista' jikkuntattja lill-uffiċċju prinċipali, il-manager tat-trasport jew l-operatur li jorganizza l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat f'isem il-konsenjatur jew kwalunkwe persuna oħra jew entità li tista' tappoġġah fl-għoti tal-informazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Din l-informazzjoni għandha tingħata fil-perjodu ta' żmien tal-kontrolli mal-ġenb tat-triq²⁵.
5. Tali evidenza tista' tingħata b'mod elettroniku, bl-użu ta' format strutturat li jista' jiġi rivedut li jista' jintuża direttament għall-ħżin u l-ipproċessar mill-kompjuters.

²⁵ F'allinjament mal-aħħar kompromess fl-Artikolu 8(4a) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009.

6. Fil-każ ta' kontrolli mal-ġenb tat-triq, għandha tkun permessa diskrepanza bejn l-operazzjoni tat-trasport u l-evidenza mogħtija, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-rotta msemija fil-punt (c) tal-paragrafu 2, jekk tiġi ġġustifikata kif adatt, fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli lil hinn mill-kontroll tat-trasportatur(i) li jwasslu għal tibdil fl-operazzjoni tat-trasport ikkombinat. Sabiex tingħata l-prova meħtieġa, ix-xufier għandu jkun jista' jikkuntattja lill-uffiċċju prinċipali, il-manager tat-trasport, il-konsenjatur jew l-operatur li jorganizza l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat fisem il-konsenjatur, jew kwalunkwe persuna jew entità oħra li jistgħu jipprovdu ġustifikazzjoni addizzjonali dwar din id-diskrepanza bejn l-evidenza mogħtija u l-operazzjoni reali.";
- (4) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

- 1. It-trasportaturi kollha stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' aċċess għall-okkupazzjoni u l-aċċess għas-suq tat-trasport ta' merkanzija għandu jkollhom id-dritt li jwettqu, fil-kuntest ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat internazzjonali, partijiet inizjali u/jew finali bit-triq tal-vjaġġ.**
- 2. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-Istati Membri jistgħu, fejn meħtieġ biex jiġi evitat l-użu ħażin bit-twettiq ta' servizzi bla limiti u kontinwi għall-partijiet inizjali jew finali bit-triq tal-vjaġġ fi Stat Membru ospitanti, jipprevedu li l-aħħar ħatt ta' tali parti bit-triq tal-vjaġġ isir f'perjodu definit wara li l-vettura tkun daħlet f'dak l-Istat Membru ospitanti. Dak il-perjodu ma għandux ikun iqsar minn ħamest ijiem. Stat Membru li jkun għamel użu minn din il-possibbiltà għandu jistabbilixxi wkoll il-perjodu li jsegwi t-tmiem tal-operazzjonijiet tat-trasportatur relatati ma' tali partijiet bit-triq tal-vjaġġ li matulu l-istess vettura, jew, fil-każ ta' vettura kombinata, il-vettura bil-mutur tal-kombinazzjoni, ma tistax tintuża f'dak l-Istat Membru ospitanti għal tali partijiet inizjali u/jew finali bit-triq tal-vjaġġ jew operazzjonijiet tal-kabotaġġ kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż is-sebat ijiem.**

3. **L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista fil-paragrafu 2 għandhom, flimkien ma' dak li huwa previst fl-Artikolu 3, jiżguraw li t-trasport bit-triq jitqies li jiffirma parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat koperta minn din id-Direttiva biss jekk it-trasportatur li jwettaq din l-operazzjoni tat-trasport bit-triq jista' jagħti evidenza ċara tal-operazzjonijiet preċedenti rilevanti u meta l-vettura tkun daħlet fl-Istat Membru ospitanti.**
4. **L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista fil-paragrafu 2 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan qabel ma japplikaw il-miżuri nazzjonali rilevanti. Huma għandhom jirrevedu dawk ir-regoli mill-inqas kull ħames snin u jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dik ir-reviżjoni. Huma għandhom jagħmlu r-regoli, inkluż it-tul tal-perjodi rispettivi, pubblikament disponibbli b'mod trasparenti."**
- (5) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni għall-ewwel darba sa [xx/xx/xxxx - 18-il xahar wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva] u mbagħad, kull [ħames] snin, rapport li jipprovdi informazzjoni relatata mal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat fit-territorju tagħhom, li tkopri din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni u statistika, fejn disponibbli, ²⁶ relatati b'mod partikolari mal-kuritur tan-netwerk tat-trasport nazzjonali u transfruntieri ewlenin użati f'operazzjonijiet tat-trasport kkombinat, l-għadd ta' vetturi (ferrovija tat-triq tgħodd bħala vettura waħda), kaxxi skambjabbli u kontejners trasportati, tunnellaġġ trasportat, lista ta' terminals tat-trażbord li jagħtu servizz lil operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat u ħarsa ġenerali tal-miżuri nazzjonali ta' appoġġ kollha applikati u previsti.
- (a) [...];
- (b) [...];

²⁶ COM għandha riżerva fuq il-limitazzjoni tar-rappurtar għal informazzjoni faċilment disponibbli, u b'hekk jitnaqqas l-obbligu 'l isfel mil-livell tal-lum.

(c) [...];;

(d) [...].

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-Istati Membri li jiddeskrivu l-metodi għall-ġbir u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat imsemmija fil-paragrafu 1.

5. Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali u tad-data li teżisti fil-livell tal-Unjoni, għall-ewwel istanza sa [xx/xx/xxx - disa' xhur wara d-data tal-iskadenza tal-preżentazzjoni tar-rapport tal-Istati Membri] u mbagħad kull [ħames] snin wara, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:

(a) l-iżvilupp ekonomiku tat-trasport ikkombinat;

(b) [...],

(c) [...],

(d) miżuri oħra possibbli, inkluż reviżjoni tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat kif definit fl-Artikolu 1 u adattament tal-lista ta' miżuri prevista fl-Artikolu 6."

[Artikolu 6]

(6) Fl-Artikolu 6 jiżdiedu l-paragrafi 4, 5, 6, 7 u 8 li ġejjin:

4. "L-Istati Membri jistgħu²⁷ jieħdu miżuri għall-ksib tal-oġettiv ta' din id-Direttiva biex tappoġġa l-investiment f'terminals tat-trażbord fir-rigward ta':

(a) il-kostruzzjoni u, fejn meħtieġ, l-espansjoni ta' tali terminals tat-trażbord għat-trasport ikkombinat;

²⁷ COM hija kontra li tinbidel "għandhom" ma' "jistgħu" u tipproponi l-formulazzjoni li ġejja: "...L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu l-investiment fi"

(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti.

4a. [...] ²⁸

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħata aċċess miftuħ lill-operaturi kollha mingħajr diskriminazzjoni għall-faċilitajiet tat-trażbord pubblikament appoġġati kollha għal perjodu minimu ta' ħames snin jew għal perjodu itwal fejn adatt u/jew jekk previst minn Stat Membru u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali għall-eliġibbiltà għall-appoġġ.

5. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali biex itejbu l-kompetittività tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati meta mqabbla ma' operazzjonijiet ekwivalenti ta' trasport bit-triq.

Tali miżuri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 29-37 tad-Direttiva 2012/34/UE, jindirizzaw kwalunkwe operazzjoni tat-trasport ikkombinat, jew parti minnha, bħall-operazzjoni ta' parti bit-triq tal-vjaġġ jew li mhix bit-triq, il-vettura, il-bastiment jew l-unità tat-tagħbija intermodali użata jew l-operazzjonijiet ta' trażbord.

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ta' appoġġ li ttieħdu skont dan l-Artikolu.

7. L-Istati Membri għandhom perjodikament jevalwaw mill-ġdid il-ħtiġijiet tas-suq tat-trasport ikkombinat u fejn meħtieġ jadattaw il-miżuri għall-appoġġ tat-trasport ikkombinat.

8. [...]

8a. Il-Kummissjoni għandha²⁹ tivvaluta l-possibbiltà li tfassal kriterji operazzjonali għall-kompatibbiltà mas-suq intern ta' ċerti tipi ta' għajjnuna għat-trasport ikkombinat fid-dawl tal-esperjenza żviluppata³⁰.";

²⁸ COM qed tipproponi li jinżamm it-test f'forma simplifikata, kif ġej: "*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu implimentati tali miżuri, il-prijorità tingħata lill-iżgurar ta' distribuzzjoni ġeografika suffiċjenti ta' faċilitajiet adatti fl-Unjoni, u b'mod partikolari tan-netwerks ewlenin u komprensivi TEN-T.*"

²⁹ COM hija kontra l-użu tat-terminu "għandha" u tqis li jrid jinżamm it-terminu "tista"

³⁰ Fir-rigward tal-għajjnuna mill-istat, EL tippreferi l-formulazzjoni preċedenti li tinsab fir-Rapport ta' Progress BG (dok. 7864/18)

- (7) L-Artikoli 7 u 9 huma mħassra.
- (8) Jiddaħħal dan l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 9a

6. [...]
7. [...]
8. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw b'mod aċċessibbli faċilment u bla ħlas l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż l-appoġġ disponibbli għal operaturi ekonomiċi u punti ta' kuntatt fl-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-post fejn tiġi ppubblikata dik l-informazzjoni kif ukoll id-dettalji tal-kuntatt u l-kompiti differenti tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.
9. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' punti ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri kkomunikati lilha, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 1(3a) u (3b)";
- (9) Jiddaħħal dan l-Artikolu li ġej:

Artikolu 2

10. L-Istati Membri għandhom idaðħhlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn XXXXXX [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.]. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Minbarra dan, dawn għandhom jinkludu dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza u kif għandha tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni.

11. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
